

## Domanda preliminari

L-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill 2003/87/KE<sup>(1)</sup>, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, jista' jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' miżuri leġiż-lattivi nazzjonali bħal dawk eżaminati fil-kawża preżenti, li l-għan u l-effett tagħhom huwa li r-remunerazzjoni tal-attività ta' produzzjoni tal-enerġija elettrika titnaqqas bl-ammont ekwivalenti għall-valur tal-kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra all-akti mingħajr ħlas matul il-perijodu korrispondenti?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631.

**Appell ippreżzentat fil-15 ta' Novembru 2011 minn ClientEarth mid-digriet tal-Qorti Ġeneral (Is-Sitt Awla) mogħti fis-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża T-452/10, ClientEarth, sostnuta mir-Renju tad-Danimarka, mir-Repubblika tal-Finlandja, u mir-Renju tal-Isvezja vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-573/11 P)

(2012/C 39/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Appellant: ClientEarth (rappreżentant: P. Kirch, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet tal-appellant

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla l-ordni tal-Qorti Ġeneral tas-6 ta' Settembru 2011 fil-Kawża T-452/10
- tordna lill-Kummissjoni tbat i-l-ispejjeż.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant ssostni li l-Qorti Ġeneral wetqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tagħha tal-kunċetti ta' "indipendenza" u "terzi" fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' paragrafi tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Artikolu 43(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

Rikors ippreżzentat fit-18 ta' Novembru 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo

(Kawża C-576/11)

(2012/C 39/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: O. Beynet u B. Simon, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgo

## Talbiet

- tikkonstata li billi ma ħax il-miżuri meħtieġa kollha biex jeżegwixxi s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Novembru 2006, fil-kawża C-452/05, il-Gran Dukat tal-Lussemburgo naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 260(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea,
- tordna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgo jħallas lill-Kummissjoni l-pagamenti ta' penalità proposti ta' EUR 11 340 għal kull ġurnata ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2006 fil-kawża C-452/05, li jibda jiddekorri mill-ġurnata tas-sentenza fil-kawża preżenti sal-ġurnata li fiha tiġi eżegwita s-sentenza fil-kawża C-452/05,
- tordna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgo li jħallas lill-Kummissjoni s-somma f'daqqa għal kull ġurnata ta' EUR 1 248, li jibda jiddekorri mill-ġurnata tas-sentenza, fit-23 ta' Novembru 2006, fil-kawża C-452/05, sal-ġurnata tas-sentenza fil-kawża preżenti jew sal-ġurnata li fiha tiġi eżegwita s-sentenza mogħtija fil-kawża C-452/05, jekk l-implementazzjoni tagħha sseħħ qabel,
- tikkundanna lill-Gran Dukat tal-Lussemburgo għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni ssostni li, hekk kif jirriżulta mill-eżami tal-informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet Lussemburgo, il-Lussemburgo ma kienx, sa dik il-ġurnata, eżegwixxa kompletament is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u dan kważi ħames snin wara li ngħatat din tal-aħħar. Fil-fatt, il-Lussemburgo ma kkonforma ruħu la mad-dispożizzjoni jet tal-Artikolu 5(4) lanqas ma' dawk tal-artikolu 5(2). Fil-fatt, sitt impjanti ta' trattament li jservu agglomerazzjonijet ta' iktar minn 10 000 ekwivalenti ta' popolazzjoni fil-Lussemburgo għadhom ma humiex konformi mal-rekwiżiti previsti mid-direttiva 91/271/KEE<sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26)